# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' HalKirkop li saret nhar l-Erbgħa 31 ta' Awwissu, 2011 fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar (5pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skużat:* Joe Carbone Viċi Sindku

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

2.1. Ma kienx hemm punti imqajjma mil-Minuti.

**3. Approvazzjoni tal-Minuti**

3.1. Il-Minuti ġew approvati mis-Sindku Mario Salerno u ssekondati mil-Kunsillier Stephen Mizzi.

4. **Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku beda biex tkellem fuq il-proġett Torello tal-Għaqda KYRA fejn il-EUPA qegħdin jibgħatu korrispondenza fil-Kunsill għaliex il-Kunsilliera Nadia Zammit għamlet bħala kuntatt huwa il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop. Is-Sindku kompla u qal li l-EUPA qegħdin jitolbu rimbors ta' madwar €5,000 li parti kbira minnu hija mil-ispiża f'biljetti tal-ajru li jistgħu jerġgħu jintalbu lil kumpannija li intużat għal ajru. Is-Sindku qal li Nadia tajjeb li tagħmel laqgħa mad-Direttur kif ukoll mal-EUPA biex tiċċara dawn l-affarijiet.

4.2. Is-Sindku qal lil-sħabu li irċevejna żewġ refusal letters mil-Managing Authority għall-proġetti tal-ESF li kienu tac-child care u tal-Horse therapy.

4.3. Is-Sur Salerno qal li x-xogħol fuq it-toroq miexi bil-mod ħafna kellu jitkompla wara Santa Marija u għadu ma beda xejn. Is-Sindku ċempel lil Noel ta' l-Asfaltar waqt il-laqgħa u wegħdu li x-xogħol ser ikompli il-ġimgħa d-dieħla. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir ittra u tintbgħat lil Noel u l-Sandra ta' l-Asfaltar fejn nikkonfermaw li skond it-telefonata li saret waqt laqgħa tal-Kunsill ġejna imwegħda li ix-xogħol ser ikompli l-ġimgħa d-dieħla.

Apparti hekk is-Sindku tkellem fuq xogħol ta' patching u tqaxxir tas-sleeping police li għandu jsir f'dawn it-toroq: Triq ir-ramlija, Triq San Pietru, Triq San Remig, Triq l-Aritllerija, Triq Sant Anġlu Triq il-Gudja u Triq San Nikola.

Rigward Triq Fdal Paleokristjani is-Sindku qal li din it-triq ser issir mil-Kuntrattur tat-TM imbgħad jitħallas mil-fondi allokati għal dan il-Proġett Pilota.

4.4. Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru ser ikollna laqgħa ma' Conrad Pule tat-Trasport Malta sabiex nitkellmu fuq il-Bus Shelters u is-servizz ta' l-Arriva f' Ħal Kirkop. Kulħadd huwa mistieden li jiġi.

4.5. Is-Sur Salerno tkellem rigward il-korsijiet li qegħdin isiru u qal li nhar il-ġimgħa meta mar biex jagħmel il-course tal-pjanti sab ħafna ħmieġ ta' kull tip. Importanti li nagħmlu avviż li mhux permess ikel u xorb fiċ-Ċentru Soċjali.

Is-Sindku qal li issa importanti li l-Kunsilliera jaraw il-proposta tal-Bye Law għall-użu tal-premises tal-Kunsill sabiex ikollna aktar kontroll. Il-proposta tal-Bye Law ġiet preżentata fuq il-mejda u l-Kunsilliera talbu wkoll kopja b'permezz ta' email.

4.6. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel laqgħa ma' l-istaff tal-Kunsill sabiex isir aġġornament ta' kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa.

4.7. Is-Sindku qal li rigward Kirkop 2 tkellem mal-Perit sabiex jaħdem fuq kif ser jgħaddi l-ilma minn hemm għaliex kif terġa tibda x-xita ser ikun hemm rebus.

4.8. Rigward l-iskema tal-Librerija, il-kotba li nxtraw minn għand il-Wise Owl ser imorru l-Librerija Nazzjonali biex jinbidlu għaliex ħafna minnhom diġa għandna. Barra minn hekk il-Kunsill ser jixtri kotba oħra li jammontaw €200.

L-Iskola qiegħed ikun hemm ħmieġ kbir minkejja li hemm 2 purtinara u handyman.

4.8. Rigward l-iskart riċiklat is-Sindku qal li il-Bring-in-site ta' fejn iċ-ċimiterju iridu jiċċaqalqu u jiġu eżatt taht il-camera biex inkunu nistgħu ninkwadraw in-numri tal-vettura. Fuq dan ir-rigward ukoll irridu nkellmu lil Glen tal-Green MT biex naraw x'feedback qegħdin jieħdu mil-filmati.

Ġie issuġġerit ukoll sabiex nitolbu lil Green MT bins żgħar għall-plastic u karti.

Is-Sindku irrimarka wkoll li qed ikollna problema bil-ġbir ta' skart riċiklat kif ukoll organiku fin-naħa tal-housing estate u kemm il-darba intbgħatu karti bl-informazzjoni imma dawn mhux qegħdin jagħtu kashom.

Is-Sindku qal li tajjeb inkellmu lis-Sur Tony Borg Caruana l-AO il-ġdid tar-reġjun sabiex naraw kif ser nagħmlu biex ikollna servizz ta' green warden fir-raħal li jkun jista jikkontrolla dan kollu.

4.9. Is-Sur Salerno informa lil sħabu li nhar il-ġimgħa li ġej ser isir il-ftuħ uffiċjail tal-uffiċċjut al-GAL Xlokk ġewwa Ħal Qormi li mil-Kunsill tagħna ser tkun preżenti s-Sinjura Rose Roberts. Il-GAL Xlokk ser ikun qed jintroduċi wkoll miżuri ġodda li ser joħorġu x-xahar id-dieħel biex wieħed jista japplika għalihom. Il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ser ikun qiegħed japplika f'dawn il-miżuri wkoll permezz ta' proposta li ssir Triq ir-Ramlija mil-ġdid. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

4.10. Rigward il-proġett tal-Housing is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa ser jinfetħu t-tenders f' 12pm. It-tenders huma dak tas-CCTV Cameras u dak tal-PVs. Importanti li niltaqgħa nhar it-Tlieta li ġejjin biex il-kuntrattur li ser jaħdem ikollu ċans xahar biex ilesti x-xogħol.

Is-Sindku qal li l-proġett on the whole miexi tajjeb ħafna u bħalissa hem mil-korsijiet għaddejjin u li daqt ikunu lesti, inxtraw power washer tad-diesel u kimika bis-sealer biex jitnaddfu l-imprint ta' madwar il-Housing Estate.

**5.1. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.1.1. Is-Sur Mizzi qal li m'għandu xejn iktar xi jżid għaliex kollox ġie mitkellem qabel.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsilliera Rose Roberts**

5.2.1. Is-Sinjura Rose Roberts qalet li fil-knis qiegħdin immorru lura ħafna u saħansitra l-bankina ta' quddiema qed ikollha tiknisha hi stess. L-istess problema hija fuq il-qtugħ tal-ħaxix fejn il-kuntrattur mhux qiegħed jagħmel xogħol biżżejjed.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsilliera Nadia Zammit**

5.3.1. Is-Sinjorina Nadia Zammit qalet li rigward il-proġett Torello li tkellem dwaru s-Sindku fil-bidu tal-laqgħa hija ser tagħmel laqgħa mal-EUPA kif ukoll mad-Direttur tal-Kunsilli s-Sur Abela.

**6. Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda.**

6.1. Rigward il-Bye Laws tal-Bandli u tal-użu tal-premises tal-Kunsill ser jiġu diskussi fis-seduta li jmiss nhar it-Tlieta.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti għaddew kollha.

**8.Affarjiiet oħra**

8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**

9.1. Il-laqgħa intemmet fil-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |